MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 589/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentenza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha M. Demajo (Timbers) Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**Vs**

**The Cargo Handling Company Limited u W.J. Parnis England Ltd. bhala rappresentanti ta' Industries Auxliares Faus S.L. u bhala rappresetanti ta' Trident Shipholding S.A. Monrovia u bhala rappresentanti tal-armaturi/charterers tal-bastiment MV SkyWalker jew min minnhom**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine talbet sabiex is-socjeta konvenuta et nomine jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta

attrici nomine s-somma komplessiva ta’ Lm507.05 (hames mija u seba’ liri u hames centezmi) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, rappresentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tal-konvenuti, jew minn minnhom, liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment MV Sky Walker fit-18 ta’ Novembru 2000, liema danni diga’ thallsu mis-socjeta’ attrici.

Bl-imghax legali mid-data tal-avviz u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ “W.J Parnis England Limited” (fol 4 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti hija agent tal-armatur/charter tal-bastiment MV SkyWalker u mhux tas-socjetajiet l-ohra imsemmija fl-okkju tal-avviz.
2. Subordinatment trid issir il-prova tas-surroga.
3. Fil-mertu it-trasport sar taht kundizzjonijiet FIOS “Free in and out stowed” u l-obbligu tal-bastiment kien li jwassal il-merkanzija Malta u l-hatt tal-merkanzija kien obbigu tar-ricevitur (Kopja tal-polza tal-karigu annessa bhala dokument A). Illi dan l-obbligu kuntrattwali twettaq u effettivament tnizzlu wiehed u tletin pallet chipboard minn abbord destinati ghall-M. Demajo Timbers) Limited.
4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes fil-kontront tal-eccipjenti W.J Parnis England Limited.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tas-socjeta “Cargo Handling Company Limited” (fol 11 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 65 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici ma ghandhiex jedd ghal dak li qeghda titlob stante illi l-konsenjatarju tal-merkanzija de quo accettaha f’kundizzjoni tajba u minghajr ebda riserva;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija de quo kienet taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccepjenti u li l-istess merkanzija giet konsenjata lilha minghajr l-istess nuqqasijiet;
4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;
5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;
6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 34, a fol 50 min fejn jidher li s-socjeta' "Cargo Handling Company Limited" kienet irtirat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sottomessa minnha a fol 77 u a fol 82 meta l-partijiet informaw lill-Qorti li dan il-kaz gie transatt "…u jonqos biss il-pagament miftiehem", u a fol 83;

Ikkunsidrat

Illi f'dan il-kaz u in rigward il-meritu tieghu gew prodotti, mis-socjeta' attrici, is-segwenti provi:-

a) Albert Tedesco (fol 15 u fol 34 ibid) impjegat mas-socjeta assikurata spjega li, fit-18 ta' Novembru 2000 kienu gew importati, f'Malta fuq il-vapur "M.V. Sky Walker, tletin (30) "pallet" kontenenti, "chip board" waqt li , filfatt, kellhom jigu importati wiehed u tletin (31) "pallet" skond l-ordni maghmula mis-socjeta assikurata. Meta gie skopert dan, in-nuqqas kienu gew informati s-socjetajiet konvenuti u saret il-"claim" lis-socjeta attrici li hallset risarciment ta' Lm469.05. L-istess xhud esebixxa diversi dokumenti fosthom il-"bill of lading" a fol 23 ibid li jispecifika li fil-"port of loading" kienu tghabbew fuq l-imsemmi vapur, wiehed u tletin (31) "pallets" kif ukoll ir-relattivi "gate pass out" li indikaw b'kollox tletin "pallet" u;
b) Brian Valenzia (fol 36 et seq ibid) spjega li oltre is-somma hawn fuq imsemmija bhala riseraciment, is-

socjeta assikuratrici inkorriet Lm130 bhala “fees” in konnesjoni mal-‘claim’ li saret, Difatti, peress li trattasi ta’ kaz ta’ merkanzija nieqsa ma kienx hemm involuti “survey fees”. Fl-ahhar nett hu spjega, b’mod aktar specifiku li l-merkanzija involuta hi dik deskritta fuq il-fattura a fol 21 u konsistenti f’mija u hamsa (150), il-bicca fi tlett “bundles” ta’ hamsin (50) il-wiehed, b’wiehed minn dawn nieqes. L-istess xhud esebixxa ukoll id-dokument relattiv ghal pagament b’surroga dwar l-istess risament lis-socjeta assikurata, liema dokument jinsab a fol 38 ibid.

c) Angolino Pace (fol 40 ibid) “releasing officer” mad-Dipartiment tad-Dwana irrefera ghal dokument iehor esebit minn Albert Tedesco u li esebixxa a fol 26 u fol 27 ibid), jirreferi ghar-rilaxx tal-merkanzija konsistenti f’tletin ‘bundle’. In konnessjoni mal-istess Dipartiment tad-Dwana xehed Lawrence Cutajar (fol 42 ibid) li kkonferma id-dokumenti a fol 26 u fol 27 bhala ffirmati minnu.

d) Peter Bonello (fol 44 ibid) xehed dwar iz-zewg “gate pass out” a fol 24 u fol 25 tal-atti u kkonferma li s-socjeta konvenuta “Cargo Handling Company Ltd” kienet irrilaxxat tletin (30) “bundle” ossija “pallet”.

e) Joseph Bowman (fol 52 ibid) spjega, f’isem is-socjeta konvenuta “W.J Parnis England Ltd) illi l-inkarigu moghti lil din is-socjeta kienu il-garr u l-hatt tal-merkanzija bis-sistema “Free in and out”. Hu esebixxa il-“bill of lading” (fol 54 ibid) tal-vapur gja imsemmi kif ukoll kopja tal-manifest (fol 55 ibid) minn fejn jidher li kellhom jinhattu tnejn u tletin “pallet”. (presumibilment wiehed u tletin (31) ‘pallet”.). Inoltre mit-“tally sheet” esebita minnu (fol 56 ibid) jidher li il-‘pallets’ kollha kienu tnizzlu mill-istess vapur. Ghalhekk jidher li l-merkanzija kollha kemm hi u minghajr ebda "bundle" nieqes giet konsenjata lis-socjeta Cargo Handling Company Limited”.

f) Fl-ahhar nett, xehed Roger Satariano (fol 75 ibid) u bhala t-tally clerk involut ikkonferma t-‘tally sheet’ esebita a fol 56.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi notat illi s-socjeta konvenuta “Cargo Handling Company Limited” ma producietx xi prova in sostenn ta’ dak eccepit minnha.

Illi kemm is-socjeta attrici nomine kemm is-socjeta konvenuta l-ohra pproducew provi sufficjenti, kif hawn fuq esposti minn fejn jirrisulta, b'mod car, illi l-'pallet' ossija 'bundle' in kwistjoni kien gie nieqes meta l-merkanzija kollha kienet taht il-kura w il-kustodja tas-socjeta "Cargo Handling Company Limited".

Ghalhekk, fin-nuqqas ta' xi prova kontrarja din is-socjeta ghandha tigi ritenuta u presunta bhala responsabbli ghan-nuqqas in ezami u in vista li dan avvera ruha meta l-merkanzija kienet taht il-kontroll u supervizjoni ta' din is-socjeta.

Ikkunsidrat

Illi l-ammont ta' risarciment kif jidher mid-dokument a fol 38 kien jammonta ghal Lm469.05. Pero' f'din il-kaz ma kien sar l-ebda "surey" u ma ingiebet ebda prova in gustifikazzjoni tal-ammont ulterjuri ta' Lm130 imsemmi a fol 37 ibid.

Ghalhekk l-ammont in esami ghandu jigi likwidat fis-somma ta' Lm469.05.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta "W.J. Parnis England Ltd" tilqa l-istess talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta konventa l-ohra u tikkundanna lis-socjeta konvenuta "Cargo Handling Company Limited" sabiex thallas lis-socjeta attrici nomine is-somma ta' Lm469.05,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Gunju 2001 sad-data tal-pagament effett. In rigward l-ispejjes dawn jithallsu kollha kemm huma mis-socjeta' "Cargo Handling Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------